# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tal-Erbgħa u tletin (34) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.00pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsillier
Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tat-tlieta u tletin laqgħa tqassmu u inqraw mil-Kunsilliera

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati kollha u jistgħu jiġu uploaded fuq is-sit elettroniku.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

4. Awtorizzazjoni ta' ordnijiet ġodda

4.1. Is-Sindku qal li issa li il-Van ta' Joe Camilleri ta' l-IPSL ġie skreppjat u wasal iż-żmien li inġorru kollox għall-bini l-ġdid tal-Kunsill tajjeb li tinħareġ talba għal kwotazzjonijiet ta' Van/ pickup sabiex ikun propjeta tal-Kunsill u li bih inkunu nistgħu inġorru affarijiet bih. Is-Sindku kompla u qal li jekk ikollna inqabbdu l-xi ħadd privat biex iġorrilna ikollna nħallsu ammont kbir ta' flus. Din il-proposta ġiet milqugħa mil-Kunsilli u ġiet approvata b'vot unanimu. Għalhekk is-Segretarju qal li ser tinħareġ din il-kwotazzjoni fuq il-gazzetta tal-Gvern kif ukoll fuq l-Indipendent skond il-proċedura.

4.2. Saret diskussjoni wkoll fuq Triq San Nikola fejn iċ-ċimiterju u s-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Perit Anthony Bezzina, s-Sur Paul Magro ta' l-Asfaltar kif ukoll is-Segretarju Ranier Busuttil u ġiet diskussa problema tal-qlib fl-istess triq. Intqal li il-qlib tagħha qiegħed mogħddi lejn id-direzzjoni opposta milli suppost. Il-Perit issuġġerixxa li inħalluha kif inhi biex imbgħad nagħmlu sprall propju quddiem iċ-ċimiterju u l-ilma niddevjawh lejn Triq l-Industrija permess ta' pipe li jgħaddi mil-għelieqi.

Dini l-proposta ġiet milquha tajjeb mil-Kunsilliera biss irridu nitolbu permess lis-sidien ta' l-għelieqi.

4.3. Is-Sindku tkellem fuq ittra bl-avukat li irċevejna fuq aċċident li seħħ minħabba li kien hemm l-armar tal-festa fis-Sajf li għadda. Is-Sindku qal li l-Avukat qiegħed iħarrek lill-Kunsill minħabba l-argument li qed iġib li l-Kunsill huwa responsabbli ta' l-armar. Is-Sindku qal li din it-taħrika m'hijiex valida għaliex il-Kunsill jgħati biss in-no objection u il-bqija tidħol il-Pulizija.

4.4. Rigward il-kwistjoni ta' Triq San Remiġ is-Sur Mizzi qal li ser isiru bħala reflectors fil-line tan-nofs tat-triq fi Triq Ħal Safi sabiex jiggwida lis-sewwieqa iduru bil-galbu lejn triq San Remiġ. Kulħadd qabel ma din il-proposta b'vot unanimu.

**5. Affarijiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**7. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |